# AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 6 u 20 ta' Jannar 2013 fit-3.00p.m.
   Il-Ħadd 3 u 17 ta' Frar 2013 fit-3.30p.m.
   Il-Ħadd 3 u 17 ta' Marzu 2013 fl-4.00p.m.
   Il-Ħadd 7 u 21 ta' April 2013 fil-5.30p.m.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ip-pubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti in-fakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. **Għandna wkoll id-DVD "Ix-Xejn Aħjar Minni" dwar il-ħajja ta' Ġuża u l-messaġġ tal-Girgenti u DVD ieħor "Nitolbu ma' Marija" li jinkludi r-rużarji b'leħen Ġuża Mifsud.** Dawn il-kotba u DVDs jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains, DVDs* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.

6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org

7. Facebook: Madonna tal Konsagrazzjoni u Youtube: Guza Mifsud

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST VO/0236

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 93 JANNAR 2013 JITQASSAM BLA ĦLAS



F'dan ir-ritratt Ġuża Mifsud (xel-lug) tidher fiż-żgħożija tagħha.

Ġuża twieldet fis-27 ta' Jannar 1923 u għaldaqstant kieku kien għadha ħajja, ftit ġimgħat oħra kienet tagħlaq disgħin sena.

Nemmnu li Ġuża qegħda ħdejn il-Mulej tgawdi l-frott tal-ħidma tagħha. Bħalma ħajjitha kienet talba waħda għall-bżonnijiet tal-proxxmu, nitolbu li mis-sema tibqa' titlob lill-Mulej għalina, għall-familji tagħna u għall-proxxmu kollu.

Il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni
jixtieq iwassal l-isbaħ xewqat tiegħu
għas-sena 2013 lill-membri kollha tal-Moviment,
lill-qarrejja ta' dan il-fuljett,
lill-Maltin u l-Għawdxin kollha u 'l proxxmu kollu.
Mulej ibgħat il-paċi Tiegħek fuq id-dinja kollha.

## INSIRU NAFU AKTAR LIL ĠUŻA MIFSUD *(IT-TIENI PARTI)*

### Meta bidlu d-dar u waqgħet minn fuq is-sellum

Fl-ewwel snin ta' ħajjet Ġuża, il-familja Mifsud kienet toqgħod fil-fond nru. 30, Triq il-Qajjied, Siġġiewi. Iżda mbagħad Isidoro, missier Ġuża, kien xtara l-fond Nru. 16 fi Triq San Ġakbu s-Siġġiewi permezz ta' kuntratt pubblikat min-Nutar Nicola Said fit-12 ta' Ġunju 1945.

Dwar meta marru joqgħodu f'din id-dar Ġuża tgħid hekk: "Dak iż-żmien kien għadni naqra fl-aħjar tiegħi u kont inħobb id-dar nara sabiħa. Kont għamilt xi pultieri fid-dar u darba, kien il-Ħadd, wara li smajt il-quddiesa ma' ommi, u qabel ma marret biex taqdi l-familja fir-razzett tal-Girgenti, qaltli, 'Illum tagħmilx xogħol għax il-Ħadd' u jien għidtilha, 'għax għada rrid nitla' fir-razzett biex ngħinkom fix-xogħol.' Dik il-ġurnata kienet ħa tisplodi fuqi kuruna oħra tax-xewk għax, niftakar, tlajt fuq sellum biex inwaħħal sopraporta biex inwaħħal pultiera u waqajt. Miegħi ġod-dar kien hemm żewġt itfal tal-ġirien u nirringrazzja lill-Mulej u lill-Madonna li ma qtilthomx taħt is-sellum. Bdew jgħajtu u jerżqu u fetħu l-bieb. Ġew nies ta' Mnarja u kien hemm min beda jagħtini l-whisky. Sadanittant, marru għal tal-familja r-razzett u meta qalulha x'ġara lil ommi, din tant bkiet u qaltilhom, 'Ġuża xortiha ħażina u ħa nsibha mejta' imma qalulha li le. Wassluha fuq il-karettun u wara l-bieb bdiet tgħajjat u tibki, 'Binti mietet, Binti mietet.'
Jiena kont ksirt sieqi minn żewġ bnadi u idi. Ommi ġiet fuq is-sodda, ħaslitni bid-dmugħ u bdejna nibku t-tnejn... Domt xi erba' xhur u nofs fil-ġibs u joħduni l-isptar għal viżti biex jaraw jekk l-għadam hux ġej tajjeb."

Tgħid li meta waslet ommha, "sabet il-professur u t-tabib u qaltilhom, 'L-isptar ma rridx noħodha għax dik imdorrija miegħi...' Qalilha, 'Imma biex noħdulha r-ritratt bilfors irridu noħduha l-isptar. Nibgħatu l-ambulanza toħodha u terġa ġġibha id-dar tiegħek." U anka missieri ukoll kien inkwieta, għax imbagħad miskina ommi riedet toqgħod miegħi. Fir-razzett kien hawn ħija jagħlef it-tiġieġ u l-annimali u jsajjar għax ommi għal xi ftit kellha toqgħod miegħi u mbagħad kompliet anka oħti toqgħod miegħi. U mbagħad reġa spiċċa dan il-vjeġġ u erġajt bdejt nitla' l-Girgenti għax ħadt saħħti u bdejt nerġa nimxi t-toroq."

### L-operazzjoni tal-ġebla u l-appendiċite

Fil-kapitlu "Tfuliti u żgħożiti" li jinsab fit-Tieni Ktieb, Ġuża tgħid hekk:



"Imma jiena ħbejt salib għax kont nistħi ngħidu; imma llum ħa ngħidu. Dan is-salib il-Mulej tahuli minn meta ġejt fid-dinja u għadni bih salġurnata mqaddsa minn tal-lum. Jien dejjem kont naħdem u qatt ma kont nitkellem xejn għax kont naraha biċċa xogħol ta' mistħija u ddejjaqni, iżda issa li qed nagħmilha man-nies tant insib kuraġġ li nitkellem fuqha. Sa minn meta kelli tmien snin kont diġa nħoss l-attakki tal-ġebla.

Ċertu ruħ qaddisa kienet qaltli, 'Ġuża, jiena dallejl kelli ħafna ħolm fuqek, illi inti trid tmur tagħmel din l-operazzjoni biex tiffranka ftit uġigħ.' Jiena mort ħadt parir ukoll mingħand Dun Ġorġ Preca u mingħand Dun Ġorġ Mercieca li kien il-konfessur tiegħi. Dan lil ommi kien qalilha, 'Agħamlulha kuraġġ biex intaffulha ftit mit-tbatija.'

Dik il-ħabta kont qegħda nbati mill-appendiċite wkoll. Meta t-tabib staqsa lil ommi fejn ser immur għall-operazzjoni hi qaltlu, 'Tmur Santa Katerina għax din tbati u tistħi ħafna.' Jiena mort biex nobdi lis-Superjuri tiegħi u lill-ġenituri tiegħi, imma jiena ħassejt mill-Mulej u mis-Sinjura tal-Ħajja illi dik ix-xewka qalila trid tmut miegħi fil-qabar. Ngħid li ridt nobdi biex inkompli nbati u mhux biex niġi f'saħħti. Il-professur qal li b'ġebla waħda ser jolqot żewġ għasafar, iżda ngħidilkom illi għalkemm l-appendiċite neħħewhieli, il-ġebla għadni nħossha, mill-ġebla ma neħħewli xejn. Aktar qed inħoss tbatija issa milli kont inħoss qabel l-operazzjoni għax ma rnexxitlix.

Meta għamluli l-operazzjoni domt mill-erbgħa ta' filgħaxija sal-ħdax ta' billejl jew iżjed biex stejqirt mil-loppju. Ħuti billejl qagħdu miegħi u kien hemm xi pazjenti u anka l-istess sorijiet li kienu jindokrawni rigward saħħti. Xi jumejn wara li għamilt l-operazzjoni qaluli, 'Għamiltilna lejl kbir hawn ġew f'dak il-lejl, għax meta kien għadek taħt il-loppju għamilt l-aktar paneġirku sabiħ fuq il-Madonna' u soru li kienet hemm qaltli, 'bdejna nroxxu ħafna ilma mbierek u għamilna l-ħobż ta' San Nikola taħt il-mitraħ għax bżajna li taqta' l-ponti.' Fil-fatt hekk kien, marruli tliet ponti imma dan ma jimpurtax.

Waqt ħin il-loppju nimmaġina li kont qed nara s-Sinjura tal-Ħajja fejni għax jien dan id-diskors eżatt kont qed ngħid, 'Madonna kemm inti sabiħa, Madonna kemm inti ħanina li ġejt fejni. Madonna għamel u itlob lill-Mulej għalija biex joħodni' u semgħuni ngħid ukoll, 'iva jiena ħa nkompli naħdem f'dak illi trid' u bdejt ngħid, 'kemm hu kbir Alla illi bagħat lill-Madonna f'dan illejl.'

F'dik il-kamra fejn kont jiena kien hemm kurċifiss kbir, jiena ħa ngħidilkom li kien kbir daqs kurċifiss ta' paroċċa li jintuża għal funżjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. L-istess soru qaltli, 'Issa li marlek il-loppju qegħda tarah dak is-salib?' U jien għidtilha, 'iva, qed nistħi minnu li qegħda

fis-sodda, nixtieq inqum minn fuq din is-sodda, ninżel għarkobbejja u nadurah għall-grazzja kbira li tani.' Iżda hija qallti, 'Siġġiwija, oqgħod kwieta. Ara tqum minn ġos-sodda għax tagħmlilna l-inkwiet, għaliex flimkien ma' dak li semmejt minn tal-Madonna dalwaqt tmur taqta' l-kabocċi mill-ġnien.'"

F'messaġġ ieħor Ġuża tkompli tgħid: "Insomma ta' Santa Katerina għaddiet ukoll li għamilt operazzjoni tal-ġebla. Imma din il-ġebla l-Mulej riedni illi nibqa' biha għaliex bil-ġebla mort u bil-ġebla ġejt, ma rnexxitlix l-operazzjoni u għalhekk għadni jkolli wkoll l-effetti tagħha." Mhux l-ewwel darba li b'ċajta kienet tħobb tgħid li għandha biżżejjed ġebla biex tibni l-knisja li trid il-Madonna fil-Girgenti.

***Sylvana Spiteri LL.D***

## ĦSIEB MINN FR. EUSEBIO DEBONO

Fil-laqgħa tat-2 ta' Diċembru 2012, Fr. Eusebio Debono wassal dan il-messaġġ, "San Pietru fl-ittra tiegħu lir-Rumani qed jistieden lil aħwa tiegħu li kien qed jikkatekizza biex nkunu qadddisin bħalma qaddis Hu dak li sejħilna. Min sejħilna? Għalfejn? Sejħilna Ġesù Kristu biex aħna nkabbru l-Knisja Tiegħu b'xhieda qaddisa, li Kristu verament qam minn bejn l-imwiet.

Imma x'jiġifieri tkun qaddis? Xi trid tagħmel biex tkun qaddis? Fejn irridu naslu aħna ħuti? Fis-silta li nqrat mill-ħajja ta' Guza, il-Madonna tatha linji ta' qdusija: agħmel sagrifiċċji, itlob, aħrab il-ħażen. Dawn huma affarijiet li huma sempliċi pero li huma ħwejjeġ li lilna jressquna dejjem iżjed lejn Alla. Tagħmel sagrifiċċji għalfejn? Biex trażżan il-ġisem ribelluż tagħna. Il-ġisem tagħna ħafna drabi ma jkunx irid jobdi r-rieda t'Alla, ikun irid jaghmel li jrid hu. Ghaliex? Għax Alla tana rigal sabiħ ħafna li hija l-liberta. Tahielna għax iħobbna u għax irid li b'din il-liberta aħna nagħmlu affarijiet li nersqu dejjem izjed lejh...

Illum kif tafu inqrat il-Pastorali ta' l-Avvent. Pastorali li hija mibnija fuq fidi, pero fuq fidi li trid tkun sostnuta mill-imħabba. Fidi f'min? Fidi f'Ġesù Kristu, dak li sejħilna... Aħna ħafna drabi nkunu bhal dak il-bniedem trux u mbikkem, li la rridu nisimgħu il-kliem għax xbajna, u lanqas irridu nitkellmu bi kliem ħelu. U dak huwa l-gwaj li aħna ninsew li aħna qegħdin fejn qegħdin għax il-kelma t'Alla saret bniedem. X'niswew aħna quddiem Alla biex bagħat lill-istess Ibnu fostna għalina? X'tajnih aħna lil Alla?

Aħna nsara, mhux insara ta' l-isem, mhux insara li nogħrku jdejna, mhux insara li nsaħħnu s-siġġijiet imma nsara li ngħixu r-rieda t'Alla. Dan



mhux faċli... Biex twettaqha hija diffiċli, imma mhux impossibbli għaliex Ġuża Mifsud li għaddiet minn ħafna slaleb, minn ħafna tbatijiet, kieku riedet dawn kienet tibgħathom mar-riħ imma fehemet li dawn id-tbatijiet huma mezz li kif qaltilha l-Madonna, "das-salib li l-Mulej ippreżentalek fil-ħajja tiegħek huwa salib li jrid iwasslek għall-glorja tas-sema".

L-Isqfijiet ukoll dalghodu wissewna sabiex aħna nifthu widnejna ħalli nisimgħu il-kelma t'Alla pero mhux biss nisimgħuha imma jekk jista' jkun tinżel fil-qalb tagħna ħalli ngħixuha. Dawn l-erba ġimgħat iridu jfissru għalina mumenti ta' meditazzjoni, ngħarfu dak li Alla ser jagħmel għalina f'din il-ħajja. Għal min? Għalija l-ewwel wieħed u mbagħad għalikom. Ghaliex? Għax iħobbna u jħobbna bla tarf.

Għalhekk San Pietru jibqa' jinsisti, "ħobbu lil xulxin". Din hija l-*badge* tan-nisrani. In-nisrani jista' jagħmel ħafna affarijiet pero mingħajr l-imħabba ma jiswa xejn. Tista' tisma quddies kuljum, tista' tgħid ir-rużarju kuljum, pero jekk f'qalbek għandek mibgħeda jew riżentiment lejn xi ħadd, dak ix-xi ħadd lilek qed ikun ta' periklu li jtellfek il-ħajja ta' dejjem. Irranġa miegħu issa li għandek iċ-ċans, li għadek ħajja, li għad għandek saħħtek. Tħallix illi x-xitan iqarraq bik u jbegħdek minn Alla b'affarijiet żgħar, għax-xitan jaf kif għandu jattakkana.

Għalhekk ħuti, kif San Pietru induna li r-Rumani kienu qegħdin jitwarrbu mill-kelma tal-vanġelu, dan jista jiġri lilna wkoll illum. Aħna l-kelma tal-vanġelu, minkejja li nisimgħuha, jista' jagħti każ li ftit nagħtu kasha. Importanti li llejla nitolbu lil Alla jagħtina dan il-kuraġġ, din is-saħħa, din il-grazzja illi l-kelma tiegħu li nisimgħu, nippruvaw nixtarruha u ngħixuha biex meta jgħajjtilna isibna ppreparati. Ikun imfaħħar Ġesù Kristu."

## GRAZZJI MAQLUGĦA

**Rodianne C. minn Ħaż-Żebbuġ kitbet hekk:** "Jiena nemmen ħafna f'Ġuza Mifsud u nqassam anka santi tagħha lil min ikollu xi problema, għaliex jiena meta tlabtha lil Ġuza dejjem għenitni. Bdejt nitla' l-Girgenti minn meta kelli erbatax-il sena, illum għandi ħamsa u għoxrin. Kont smajt lil ommi titkellem dwar il-Girgenti, tgħid kemm hu post sabiħ. Darba mort magħha u l-post mill-ewwel laqgħatni.

Illum il-ġurnata Ġuża nħossha qisha saret parti minni, alavolja mejta u qatt ma iltqajt magħha personalment, imma niftaħ qalbi magħha u nħossni ħafna aħjar.

Bqajt niġi spiss il-Girgenti, l-aktar mal-familja. Meta kien ser ikolli t-tarbija tlabtha ħafna lil Ġuża għax kelli tqala diffiċli u t-tarbija twieldet bi

ftit diffikultajiet. Dakinhar tal-ħlas ma' kinx faċli. Jiena u nwelled tlabtha fuq li tlabtha lil Ġuża, fdajt fiha. Kont ċerta li ħa tieħu ħsieb tiegħi u tat-tarbija. Nirringrazzja lil Alla li għadda kollox b'wiċċ il-ġid.

It-tarbija ma' xtrajtix ta' żmienha u meta mort id-dar u qbadt is-santa ta' Ġuża biex noqgħod nitkellem magħha, indunajt li wellidt fl-istess ġurnata tal-mewt tagħha. Lit-tifel semmejtu Dario Joey - Joey għal Ġuża.

Ili ħafna ntella u inniżżel jekk għandix ngħidilkom dan kollu, imma ma nistax nibqa' aktar siekta meta nara Ġuża kemm għamlet u qegħda tagħmel miegħi. Jiena nħeġġeġ ħafna lin-nies biex jitolbuha għaliex hi żgur li tinterċedi għalina quddiem Alla sabiex naqalgħu il-grazzji li jkollna bżonn.

Inħeġġiġkom sabiex titilgħu il-Girgenti. Jiena hemmhekk biss is-serħan tiegħi, meta mmur hemmhekk inħoss il-piż li jkolli fuq moħħi jeħfief."

**M. Galea minn Ħal Għaxaq** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti u ta' Ġuża Mifsud.

**N.N. minn Ħal Għaxaq** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti. Hi u żewġha telgħu jitolbu għal binhom il-Girgenti u dan sab ix-xogħol li tant kien jixtieq. Tajjeb jingħad li qabel ma telgħu il-Girgenti, binhom diġa kien ipprova jikseb dan ix-xogħol u ma kienx irnexxilu, iżda wara t-talb lill-Madonna qalgħu il-grazzja tant mixtieqa.

**N. N. mill-Birgu** tirringrazzja lil Alla għaż-żewġ grazzji li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti u ta' Ġuża Mifsud. Hija tgħid li nepputi tagħha minħabba kumpanija li kien qabad, telaq l-istudju u ma ridtx imur il-Junior Collage. Talbet lill-Madonna biex jibdel l-iskola u jissettilja. Kif għamlet din it-talba lill-Madonna ġara li mar għandha u hu stess qalilha li kien ser jibdel l-iskola u kompla bl-istudji tiegħu. Tkompli tirrapporta li hi tbati ħafna bl-altrite u kienet muġugħa ħafna. It-tobba kienu jgħidulha li ma setgħa jsir xejn ħlief li tieħu pilloli kontra l-uġigħ. Iżda hi għamlet l-ilma tal-Girgenti u l-uġigħ naqqas ħafna. B'ringrazzjament qassmet diversi santi tal-Madonna.

**J. G. minn tas-Sliema** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta' Ġuża Mifsud. Hija tgħid li kellha t-tifel kellu vizzju ikraħ ħafna. Hija talbet ħafna għalih u wara xi żmien meta mar iżurha d-dar tagħha qalilha li kien ħareġ minn dan il-vizzju.



**N. C. mill-Marsa** tirringrazzja lil Alla għal żewġ grazzji li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta' Ġuża Mifsud.

**M. B. minn Ħal-Lija** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna. Hija tgħid li kellha tifla li kien ilha ħmistax-il sena mingħajr tfal. Wara talb li sar lill-Madonna tal-Girgenti u lill-Madonna ta' l-Għar, din it-tifla kellha tarbija (tifla) li twieldet qawwija u sħiħa.

**T. Attard minn Birkirkara** xtaq jaqsam din l-esperjenza mall-qarrejja ta' dan il-fuljett kif ukoll mad-devoti tal-Madonna. Huwa kiteb hekk, "Bdejna x-xahar ta' Novembru u f'dan ix-xahar niftakar aktar f'Ġuża. Irrid immur fuq il-qabar tagħhha għax dik qisha t-tieni omm tiegħi. Ġuża kienet tħobbni ħafna, anka d-dar ċemplet u mhux l-ewwel darba li anka kellmet lil ommi. Naf ċert li qegħda titlob għalija mis-sema." Kompla jgħid li meta kien għadha ħajja Ġuża miet missieru. L-għada tal-mewt tiegħu mar għand Ġuża jibki u hi qaltlu, "Int għaddej minn dulur kbir." Jgħid li Ġuża bdiet titlob quddiem il-Kurċifiss u f'daqqa waħda bdiet tinxtamm riħa ta' weraq taż-żebbuġ. Mbagħad daħkitlu u qaltlu, "Missierek mar jitlob għalikom." Hu fehem li riedet tgħidlu li missieru mar il-Ġenna.

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. *Glorja lill-Missier...*

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.